GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
U L-ISPORT
DIRETTORAT GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI

**ĊIRKULARI**

**Data:** 12 ta' Jannar 2022

**Ref:** DES 01/2022

**Lill- :** Kapijiet tal-Iskejjel Primarji

**Suġġett:** Applikazzjonijiet għall-Iskola Nazzjonali tal-Arti Viżwali u Performattiva

---

Għeżież ġenituri/kustodji legali,

L-Iskola Nazzjonali tal-Arti Viżwali u Performattiva ser tilqa' applikazzjonijiet minn studenti li mis-sena skolastika li jmiss jixtieqAu jkomplu l-istudji akkademiċi tagħhom, kif ukoll jitħarrġu fl-arti viżwali jew performattiva li jeċċellaw fiha.

Din l-iskola se tkun qed tilqa' fi ħdanha studenti bniet u subien minn Malta u Għawdex li **twieldu fl-2011,** li se jtemmu b'suċċess is-sitt sena tagħhom fl-Iskola Primarja u li huma meqjusa b'talent prominenti fl-arti viżwali jew performattiva. Dawn l-istudenti huma eliġibbli biex japplikaw għad-dħul fl-Iskola Nazzjonali tal-Arti Viżwali u Performattiva.

Ser issir laqgħa *online* għal KULL Arti Viżiva u Performattiva għall-ġenituri/kustodji legali permezz ta' **MS Teams** skont kif jidher hawn taħt:

| Data | Ħin | Arti Viżiva u Perfomattiva | Link għall-laqgħa |
|---|---|---|---|
| 24 ta' Jannar 2022 | 9:00 – 10:00 | Mużika | Idħol hawn |
| 25 ta' Jannar 2022 | 9:00 – 10:00 | Żfin | Idħol hawn |
| 25 ta' Jannar 2022 | 10:30 – 11:30 | Drama | Idħol hawn |
| 26 ta' Jannar 2022 | 9:00 – 10:00 | Arti | Idħol hawn |
| 26 ta' Jannar 2022 | 10:30 – 11:30 | Midja | Idħol hawn |

Dakinhar ser tingħata informazzjoni dettaljata dwar il-proċess tal-għażla u r-rekwiżiti għad-dħul fl-Iskola Nazzjonali tal-Arti Viżwali u Perfomattiva.

**L-applikazzjonijiet ser jiftħu nhar it-Tlieta, 1 ta' Marzu, 2022,** u se jkunu aċċessibbli u jistgħu jitniżżlu minn fuq il-websajt http://www.education.gov.mt/**.**

**L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, 29 ta' Marzu, 2022.**

Iċ-ċertifikati u/jew kwalifikazzjonijiet għandhom jintbagħtu permezz ta' kopja skenjata fuq l-*email* tal-Uffiċċju tal-Kap tan-Netwerk tal-Kulleġġ: stthomasmore.college@ilearn.edu.mt

**Għal aktar tagħrif ċemplu fuq 25986039.**

**Emile Vassallo**
**Direttur Ġenerali**
**Direttorat għal Servizzi Edukattivi**